# IS-SENA U L-BNIEDEM

*Ta'* Ġużè' Ellul-Mercer

IS-SENA u l-bniedem ġew biex iħallu lil xulxin—biex jinfirdu.

Is-sena—bla qalb, bla ħniena, bla mogħdrija—dlonk daret fuq il-bniedem u qaltlu :

— Inħossni bla sabar biex, darba għal dejjem inħallik; biex nagħmel wisa' għal ta' warajja; biex narġa' mmur mnejn ġejt... Li kelli nagħmel, għamiltu. N'baqagħlek tgħidli jew titlobni, qabel ninfirdu għal dejjem?

Il-bniedem taħa daqqa ta' għajn bierda; ftakar kemm kienet sqietu mrar u nkejja; ftakar kemm niket kien ġarrab fiha; u b'le-ħen dgħajjef weġibha :

— Is-sliem għalik, ja sena! Li kont tifhem ħsiebi jew kliemi, jew li, bħali, kellek qalb li tħoss u moħħ li jaħseb, kont nitolbok tgħid lil ta' warajk biex iġġib ruħha miegħi ftit aħjar milli ġibt int... Iżda, la darba għalik u għal dawk li għad iridu jiġu warajk u għal dawk li ġew qablek, in-niket u l-hemm tiegħi u tal-bqija ma jfisser xejn; la darba l-uġigħ, il-mard, il-ġuħ u l-bard, il-ħajja u l-mewt għalik ma jfissru xejn; la darba, għalik, ix-xejn huwa kollox u kollox hu bħallikieku kien xejn; jaqbilli ngħidlek biss : "Is-Sliem!" u jalla t-tifkira tiegħek tintemm bħallikieku qatt ma kienet! Jalla, meta tkun mort ma tħallix warajk id-dell tiegħek! B'hekk jibqagħli daqsxejn tal-ħila biex, għallinqas, meta niltaqa' ma' ta' warajk, biex magħha nitqabad u nitlef, bħalma tlift miegħek—jibqagħli saħħa biżżejjed u tama biżżejjed sabiex nerfa' għajnejja 'l fuq u nintebah kemm m'jien xejn, kemm hi dgħajfa l-ħila tiegħi u kemm, jekk nitlef, din it-telfa ma jkollha tifsira għal ħadd, ħlief għalija...

— Mur! Tbiegħed! U miegħek ħu u biegħed għal kollox minni, it-tifkira tiegħek!

Iżda s-sena, bla moħħ u bla qalb, kienet tbiegħdet u marret u ntilfet u ġiet fix-xejn, qabel ma l-bniedem kien temm l-ilment tiegħu u ntebah li kien waħdu. Kienet għebet mingħajr ebda ħoss — u żiffa kiesħa, donnha daħka kbira ta' tmelliħ f'nofs id-dalma tal-lejl, nebbhet lill-bniedem li kien jeħtieġlu jerġa' jxammar u mill-ġdid iħejji ruħu għat-taqbida; għaliex ta' warajha kienet daħlet, kienet resqet, kienet miegħu.